MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 111/2015 LM

**Michael George Gosney**

***vs.***

1. **V & C Contractors Limited;**
2. **Wasteserv Malta Limited; u**
3. **Charles Zerafa u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2016, wara l-mewt ta' Charles Zerafa l-atti ġew trasfużi f'isem Bridgitte Zerafa (K.I. 46964M), Daniela Zerafa (ID 306390M) u Adriana Zerafa (ID 497696M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Frar, 2015 mill-attur **Michael George Gosney** (ID 16871A) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

## A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI:

1. *Illi nhar it-2 ta' Marzu 2013, l-attur kien involut f'inċident fuq il-post tax-xogħol fil-landfill site tal-Magħtab, waqt illi kien qiegħed jaqdi l-obbligi tiegħu fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, illi kienet ingħatat sub-appalt mis-soċjetà konvenuta Wasteserv Malta Limited. Fil-ħin tal-inċident, l-attur kien qiegħed jaħdem taħt is-superviżjoni u l-istruzzjonijiet tal-konvenut Charles Zerafa, inkarigat mis-soċjetà konvenuta Wasteserv Malta Limited;*

2. *Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba nuqqas da parti tal-konvenuti b'mod in solidum bejniethom jew min minnhom illi jipprovdu a safe system of work u/jew a safe work environment skont ma kienu obbligati illi jagħmlu ai termini tal-Liġi;*

3. *Illi bħala konsegwenza tal-inċident de quo l-attur sofra diżabilità permanenti u dan kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4. *Illi minkejja illi ġew debitament interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni kollha hekk sofferti mill-attur, anke permezz tal-ittra legali datata 21 ta' Marzu 2014, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attur;*

6. *Illi għalkemm l-attur huwa ta' nazzjonalità Ingliża u jitkellem biss bil-lingwa Ingliża, il-kontenut tar-Rikors Ġuramentat odjern ġie tradott lilu għal-lingwa Ingliża mill-konsulent legali tiegħu Dottor Roberta M. Buhagiar, u għalhekk l-attur huwa f'pożizzjoni illi jikkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu.*

## B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI:

7. *Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara illi l-konvenuti b'mod in solidum bejniethom jew min minnhom kienu unikament responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ nhar it-2 ta' Marzu 2013 fil-landfill site tal-Magħtab għall-ħabta tal-10.30 a.m., peress illi huma, jew min minnhom, naqsu milli jipprovdu a safe system of work / jew a safe work environment skont ma kienu obbligati illi jagħmlu ai termini tal-Liġi, u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-diżabilità ta' natura permanenti illi huwa sofra bħala riżultat tal-inċident de quo occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u tordna lill-konvenuti b'mod in solidum bejniethom jew min minnhom sabiex iħallsu lill-attur id-danni minnha hekk likwidati;*

***Ċ. TALBIET ATTRIĊI:***

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti b'mod in solidum bejniethom jew min minnhom kienu unikament responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ nhar it-2 ta' Marzu 2013 fil-Landfill Site tal-Magħtab għall-ħabta tal-10.30 a.m. peress illi huma jew min minnhom naqsu milli jipprovdu a safe system of work u/jew a safe work environment skont ma kienu obbligati illi jagħmlu ai termini tal-Liġi;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-diżabilità ta' natura permanenti illi huwa sofra bħala riżultat tal-inċident de quo, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tordna lill-konvenuti b'mod in solidum bejniethom, jew min minnhom, sabiex iħallsu lill-attur id-danni minnha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali kontra l-konvenuti b'mod in solidum bejniethom, illi huma (u fil-każ tas-soċjetajiet konvenuti V & C Contractors Limited u Wasteserv Malta Limited, ir-rappreżentanti rispettivi tagħhom) minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **V & C Contractors Limited** (C 13748) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta V & C Contractors"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn Vincent Borg (K.I. 361567M), għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-ewwel talba tar-rikorrent inkwantu diretta kontra s-soċjetà esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent u dan peress illi s-soċjetà intimata mhix responsabbli għall-inċident de quo;*

2. *Illi t-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skont il-liġi;*

3. *Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha wkoll tkun miċħuda u dan għaliex is-soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent;*

4. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Wasteserv Malta Limited** (C 30560) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Wasteserv"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu, 2015, u maħlufa mill-Avukat Victor Scerri (K.I. 366665M), fil-kwalità tiegħu bħala rappreżentant awtorizzat tal-istess soċjetà, li biha eċċepiet:

1. *Preliminarjament, illi s-soċjetà eċċipjenti ma għandha ebda responsabbilità għall-akkadut u lanqas ma għandha xi relazzjoni mal-attur u kwindi mhijiex leġittimu kontradittur;*

2. *Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, Wasteserv Malta Limited dejjem ottemperat ruħha mal-liġi u ma naqset mill-ebda obbligu tagħha u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati danni;*

3. *Subordinatament, is-soċjetà esponenti ipprovdiet sorveljanza adegwata fuq il-post tax-xogħol u għalhekk ma naqsitx milli tiżgura a safe system of work u/jew a safe work environment skont l-obbligi u d-dmirijiet tagħha ai termini tal-liġi;*

4. *Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, is-soċjetà esponenti tiddikjara:*

1. *Illi l-attur kien impjegat ta' V&C Contractors Limited meta seħħ l-inċident fil-landfill site tal-Magħtab, xogħol li kien ingħata permezz ta' sub-appalt mill-istess Wasteserv Malta Limited;*

2. *Illi Wasteserv Malta Limited qatt ma naqset mill-obbligi tagħha sabiex tiżgura a safe system of work u/jew a safe work environment;*

3. *Illi kwindi, l-istess soċjetà eċċipjenti m'għandha l-ebda responsabbilità għall-inċident li seħħ fit-2 ta' Marzu 2013 u li ta lok għal din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Charles Zerafa** (K.I. 649059M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Charles Zerafa"), li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 2015, u li biha eċċepixxa:

1. *Preliminarjament, illi Charles Zerafa kien, fil-ġurnata tal-inċident nhar it-2 ta' Marzu 2013, impjegat ta' Wasteserv Malta Limited u kien qiegħed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xogħol kif kien mistenni minnu;*

2. *Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-intimat qatt ma naqas mill-osservanza tar-regolamenti fuq il-post tax-xogħol sabiex jiżgura a safe system of work u/jew a safe work environment;*

3. *Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tal-intimat minħabba li l-inċident in kwistjoni ma ġarax tort tal-intimat iżda minħabba ċirkostanzi għal kollox indipendenti minnu, kif ser jiġi ppruvat aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, Charles Zerafa jiddikjara s-segwenti fatti, personalment magħrufa mill-istess Charles Zerafa (ID 649059M):*

1. *Illi dak inhar tal-inċident, it-2 ta' Marzu 2013, l-esponent kien impjegat tas-soċjetà Wasteserv Malta Limited;*
2. *Illi hu qatt ma naqas milli jiżgura a safe system of work u/jew a safe work environment;*
3. *Illi kwindi, l-istess eċċipjenti m'għandu l-ebda responsabbilità għall-inċident li ta lok għall-kawża.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' April, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-attur u mill-eredi tal-konvenut Charles Zerafa li assumew l-atti tal-kawża minfloku.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur kien involut f'inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fis-sit tal-*landfill* tal-Magħtab, fejn l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' skavar ta' materjal mormi hemmhekk. L-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, bħala xufier ta' *excavator* li l-konvenuta Wasteserv kienet kriet mingħand l-istess V & C Contractors, wara li din tal-aħħar kienet rebħet *tender* biex tipprovdi s-servizz ta' *excavator* bix-xufier miegħu. L-attur kien jaħdem bil-makkinarju pprovdut lilu mill-konvenuta V & C Contractors fis-sit tal-*landfill* operata minn Wasteserv. Waqt il-qadi ta' dmirijietu l-attur kien jieħu struzzjonijiet mingħand il-konvenut Charles Zerafa, uffiċjal tal-Wasteserv. L-attur allega li l-metodi ta' xogħol li kien jintalab jadotta minn Charles Zerafa ma kinux konformi mar-regolamenti dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u kull meta kien jilmenta dwar dan ma' min iħaddmu, partikolarment mad-diretturi ta' V & C Contractors Limited, dawn kienu jagħtuh parir sabiex josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Zerafa. L-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' skavar b'*excavator* fuq struzzjonijiet mogħtija lilu minn Charles Zerafa, meta l-materjal li kien stivat f'forma ta' torri, tilef l-istabbilità tiegħu u

konsegwenza ta' dan waqa' kantun li kisser il-*windscreen* tal-kabina tal-*excavator,* u l-attur safa mweġġa' u baqa' jsofri minn debilità permanenti. L-attur fetaħ dawn il-proċeduri fil-konfront tal-konvenuti minħabba li skont hu l-inċident seħħ minħabba li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jipprovdu *a safe system of work* u *a safe work environment*.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ilkoll ċaħdu li għandhom xi forma ta' responsabbilità x'iġorru għall-akkadut, u qalu wkoll li m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur. Il-konvenuta Wasteserv qalet ukoll li hija m'għandha l-ebda relazzjoni mal-attur, u f'dan ir-rigward hija ma tistax tiġi meqjusa bħala leġittima kontradittriċi. Eċċepiet ukoll li hija dejjem ottemperat ruħha mal-liġijiet, u pprovdiet sorveljanza adegwata fuq il-post tax-xogħol tal-attur, b'tali mod li hija ma tistax titqies responsabbli għall-inċident li seħħ jew għad-danni sofferti mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta prospett tad-danni sofferti minnu[1], flimkien ma' kopji ta' rċevuti tal-ispejjeż li huwa inkorra minħabba l-imsemmi inċident[2], kif ukoll kopji tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul u tat-taxxa tal-attur għas-snin rilevanti.[3] L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport mħejji minn **Mr Thomas Azzopardi**, *Consultant Orthopaedic Surgeon*[4], li wara li eżamina lill-attur, ikkonstata li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-2 ta' Marzu, 2013,

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 15 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 tal-proċess.

meta l-attur intlaqat minn ġebel li ċeda waqt li l-attur kien qiegħed iħaddem tagħmir tal-iskavar ġewwa l-*landfill* tal-Magħtab.[5] L-attur baqa' jilmenta minn nefħa f'idu tax-xellug, u minn uġigħ qawwi f'siequ x-xellugija, filwaqt li beda jesperjenza wkoll diffikultà biex jimxi. L-espert mediku *ex parte* Mr Thomas Azzopardi*,* fir-rapport tiegħu kkonstata wkoll li l-attur irritorna lura fuq il-lant tax-xogħol tmien xhur wara l-inċident, u fl-ewwel ftit xhur wara l-inċident, il-movimenti tiegħu kienu ristretti u x-xogħol seta' jagħmlu biss bi tbatija, minħabba li kien jesperjenza nefħa f'idejh u f'saqajh u kien ikun muġugħ. In vista ta' dak li ġie stabbilit waqt l-eżami mediku li sar fuq l-attur, l-espert mediku *ex parte* Mr Thomas Azzopardi kkonkluda li dan ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%).

L-attur **Michael George Gosney**[6] fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien ilu jaħdem mal-konvenuta V & C Contractors għal perijodu ta' ħames jew sitt snin, fejn kien ġie assenjat biex jaħdem fis-sit tal-*landfill* tal-Magħtab sabiex jagħmel xogħol ta' skavar. Il-konvenuta Wasteserv kienet tat sub-appalt lill-konvenuta V & C Contractors sabiex tagħmel dan ix-xogħol, wara li din tal-aħħar rebħet *tender* għal dan ix-xogħol. L-attur qal li waqt li kien ikun qiegħed jaħdem fuq is-sit, kien ikun taħt is-superviżjoni ta' Charles Zerafa, impjegat tal-Wasteserv, li kien jagħtih istruzzjonijiet dwar kif kellhom isir ix-xogħol meħtieġa. L-attur qal li l-konvenut Charles Zerafa ma kienx jikkomunika tajjeb mal-ħaddiema. Skont l-attur, Zerafa kien jagħti għadd ta' struzzjonijiet dwar ix-xogħol li ried isir, iżda qatt ma kien jieħu ħsieb jindirizza l-inkwiet u t-tħassib tal-ħaddiema.

---

[5] Fi kliem Mr. Thomas Azzopardi, *"... he sustained an open fracture of the left tibia and fibula after being hit by falling masonry whilst operating an excavator at the Magħtab landfill. He bled from the wound sustained but did not lose consciousness. He was transferred by ambulance to the Accident and Emergency Department at Mater Dei Hospital where he was assessed for his injuries. He underwent operative treatment with wound washout and intramedullary nailing of the left tibial fracture that same evening. He was hospitalised for 2 weeks, at which point he was discharged home on crutches."*

[6] *A fol.* 48 tal-proċess.

Qal ukoll li meta l-ħaddiema kienu juru tħassib dwar il-metodi imposti fuqhom minn Zerafa dwar kif kellu jsir ix-xogħol, dan Zerafa kien jinterpreta dak it-tħassib bħala insubordinazzjoni, tant hu hekk li l-attur innifsu ġieli safa sospiż mix-xogħol għal xi sigħat minħabba li wera nuqqas ta' qbil ma' Zerafa dwar l-aktar mod sigur li bih kellu jsir ix-xogħol. L-attur żied jgħid li meta hu kien jindirizza t-tħassib tiegħu lid-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors, dawn ukoll ma kienu jagħmlu xejn min-naħa tagħhom biex itejbu l-qagħda u l-metodi tax-xogħol tal-impjegati tagħhom, u qal li dawn kienu interessati biss fil-flus u kif kienu ser jissalvagwardjaw ir-relazzjoni li bnew mal-konvenuta Wasteserv. L-attur qal ukoll li kull meta ilmenta minħabba nuqqas ta' qbil ma' xi ordni li jkun ingħata mill-konvenut Charles Zerafa, l-esponenti tal-konvenuta V & C Contractors kienu dejjem jgħidulu biex josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Charles Zerafa. Qal li għalhekk huwa ma kellu l-ebda għażla ħlief li jobdi l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, anki minħabba li kien jibża' li seta' jitlef l-impjieg tiegħu. L-attur qal li fost ix-xogħlijiet li kien jintalab jagħmel fis-sit tal-*landfill,* kien hemm dak li jgħattan munzelli ta' materjal permezz tal-*excavator*, u dan ix-xogħol kien isir fil-*landfill* stess. Qal li dawn il-munzelli xi drabi kienu jkunu għoljin anki mitt pied, u xogħlu kien jinvolvi li jċaqlaq dan il-materjal lejn żona oħra fil-*landfill.* Żied jispjega li l-konvenut Charles Zerafa dejjem kien jgħidlu biex jibda l-iskavar mill-parti t'isfel jew min-nofs tal-munzell, u huwa kien tal-fehma li dan il-metodu ma kienx wieħed sigur minħabba li mill-*windscreen* tal-*excavator* hu ma setax jara l-materjal li jkun stivat fil-parti ta' fuq tal-munzell. Qal li sabiex ikun jista' jara x'hemm fil-parti ta' fuq tal-munzell, ħafna drabi kien ikollu jħares min-naħa ta' fuq tal-*windscreen* fl-istess ħin li kien ikun qiegħed iniżżel il-materjal bl-*excavator*. Qal li tħassib ewlieni tiegħu kien minħabba li dan il-materjal ma kienx solidu, u għalhekk kien hemm

ir-riskju li hekk kif jipprova jċaqlaq il-materjal mill-parti t'isfel tal-munzell, il-materjal fil-parti ta' fuq tal-munzell seta' jitlef l-istabbilità tiegħu. Il-fatt li hu ma setax jara x'kien hemm fil-parti ta' fuq tal-munzell, kien qiegħed iwassal għal sogru li jekk jaqa' xi materjal, huwa ma jkun jista' jagħmel xejn biex jirreaġixxi fil-ħin sabiex jevita li jintlaqat. L-attur qal li l-inċident tat-2 ta' Marzu, 2013 seħħ wara li l-konvenut Charles Zerafa talbu jneħħi xi materjal minn fuq munzell ta' skart ikkompressat, u talbu jibda mill-parti tan-nofs tal-munzell. Qal li dan kien ifisser li hu kellu jpoġġi l-*excavator* f'livell li kien madwar sebgħin pied aktar 'l isfel mill-parti ta' fuq tal-munzell, b'dak il-materjal kollu fuqu u f'post fejn hu ma setax jarah. Żied jgħid ukoll li dakinhar is-sitwazzjoni kienet aktar perikoluża minħabba li l-materjal ikkompressat tpoġġa f'forma ta' torri wieqaf. Qal li f'ħin minnhom huwa pprova jneħħi xi materjal mill-parti tan-nofs tal-munzell, meta parti mill-materjal ma baqgħetx stabbli, bir-riżultat li waqa' kantun tal-franka fuq l-*excavator*. L-attur spjega li minkejja li dak il-ħin pprova jirriversja l-gaffa sabiex jevita li jintlaqat mill-kantun, kollox seħħ malajr ħafna, bir-riżultat li dan il-kantun għadda mill-*windscreen* tal-*excavator* u ġie fuq riġlu tax-xellug. L-attur qal li hu qatt ma ngħata xi tagħmir protettiv sabiex jipproteġi saqajh, għalkemm fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa kien liebes *safety shoes.* Spjega kif bħala riżultat dirett tad-daqqa tal-kantun fuq saqajh, huwa sofra ksur f'saqajh u tilef ukoll ħafna demm. L-attur qal li huwa nħareġ mill-gaffa mill-kollegi tiegħu, u hekk kif il-konvenut Charles Zerafa induna li kien seħħ l-inċident, dan ma wera l-ebda simpatija fir-rigward tal-attur li dak il-ħin kien muġugħ u kien qiegħed jitlef ħafna demm, iżda minflok dan esprima tħassib għax kien inkiser il-*windscreen* tal-gaffa. L-attur żied jgħid li minkejja li suppost li fuq is-sit kien hemm għadd ta' persuni imħarrġa fl-għoti tal-ewwel għajnuna, dak il-ħin ma mar ħadd

jassistih jew biex jinfaxxalu saqajh sabiex jieqaf id-demm. L-attur kompla jgħid li wara xi ħin waslet l-ambulanza li ħaditu l-Isptar, fejn ġie operat ftit wara għax kellhom iddaħħlulu xi viti f'saqajh sabiex jissewwa l-ksur li kellu. L-attur kompla jgħid li minkejja li ħareġ mill-Isptar madwar ħdax-il ġurnata wara li seħħ l-inċident, il-perijodu ta' fejqan tiegħu ħa ferm aktar żmien minn hekk, u meta rritorna lura x-xogħol f'Ottubru tal-istess sena, hu kellu jagħmel użu minn bastun. L-attur kompla jgħid li meta rritorna lura fuq il-lant tax-xogħol, l-attitudni tal-konvenut Charles Zerafa fil-konfront tiegħu nbidlet kompletament, tant hu hekk li b'mod regolari dan kien jistaqsih jekk setax jara kull parti tal-materjal li kellu jiġi skavat, u kien ukoll jitolbu jassigura li kien komdu bil-metodu tax-xogħol li kien qiegħed jintalab jaħdem bih. L-attur qal li fi Frar tal-2014, hu kien ġie infurmat li l-konvenuta V & C Contractors kienet tilfet il-kuntratt tal-*landfill* tal-Magħtab, u konsegwenza ta' dan, huwa tilef l-impjieg tiegħu. Żied jgħid li dak iż-żmien kien ġie offrut impjieg alternattiv li kien jinvolvi perijodi twal ta' ħin bilwieqfa, liema xogħol huwa ma setax jagħmel minħabba l-korriment li kien sofra fuq il-post tax-xogħol u d-diffikultajiet fiżiċi li kien għadu jsofri minnhom konsegwenza tal-imsemmi inċident. Żied jgħid li fil-preżent huwa impjegat bħala operatur ta' gaffa, liema xogħol jagħmlu b'diffikultà għax għadu ristrett ħafna fil-movimenti tiegħu. L-attur qal ukoll li għadu jbati minn nefħa f'saqajh, u wara x-xogħol ikollu jagħmel xi ħin b'saqajh 'il fuq sabiex itaffi n-nefħa u l-uġigħ. L-attur qal li t-tobba kienu infurmawh li m'hemm xejn aktar x'jista' jsir mil-lat mediku sabiex il-limitazzjonijiet li beda jesperjenza f'saħħtu jiġu indirizzati. Hu spjega li n-natura tad-debilità li qiegħed isofri minnha affettwatlu kemm ix-xogħol tiegħu kif ukoll il-ħajja personali tiegħu, tant hu hekk li jħoss li huwa ma baqax l-istess persuna bħalma kien qabel l-inċident. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi

qal li huwa kien sorpriż meta l-konvenuti ċaħdu t-talbiet tiegħu meta ġew interpellati sabiex iħallsu d-danni sofferti minnu, għax li ma kienx għall-prattiċi tax-xogħol li imponew fuqu, l-inċident inkwistjoni ma kienx iseħħ.

L-attur ippreżenta kopja tal-*case summary* maħruġa mill-isptar wara li ngħata l-kura meħtieġa[7]; kopja tar-rapport dwar il-korriment fuq il-post tax-xogħol u l-applikazzjoni li saret mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex l-attur jingħata benefiċċji soċjali[8]; kopja tal-ittra mibgħuta lill-konvenuti fil-21 ta' Marzu, 2014, li permezz tagħha l-attur informa lill-konvenuti li huwa kien sofra debilità permanenti kawża ta' inċident li kellu fuq il-post tax-xogħol, u talabhom jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu[9]; u kopja tar-risposta tal-konvenuta Wasteserv li rrifjutat li tassumi xi forma ta' responsabbilità għall-inċident inkwistjoni.[10]

Waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2015, il-Qorti ħatret lil **Mr Joseph N. Borg** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq saħħet l-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.[11]

Waqt l-istess udjenza tat-28 ta' April, 2015, xehed **Vincent Borg**[12], direttur tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, li qal li l-attur kien impjegat mal-kumpannija tiegħu bħala *heavy plant operator,* u xogħlu kien li jsuq *excavator.* Ix-xhud qal li dak iż-żmien l-attur kien jaħdem fil-*landfill* tal-Magħtab, u matul iż-żmien kollu li l-attur kien impjegat tas-soċjetà V & C Contractors Limited,

[7] *A fol.* 54 tal-proċess.
[8] *A fol.* 57 tal-proċess.
[9] *A fol.* 63 tal-proċess.
[10] *A fol.* 63A tal-proċess.
[11] *A fol.* 63H tal-proċess.
[12] *A fol.* 63I tal-proċess.

tmenin fil-mija tal-ħin qattgħu jaħdem fil-*landfill.* Ix-xhud spjega li s-soċjetà V & C Contractors Limited kellha kuntratt ma' Wasteserv Malta Limited għall-kiri ta' makkinarju, u l-attur ma kienx jieħu l-istruzzjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jwettaq mingħand impjegati tas-soċjetà V & C Contractors, iżda mingħand impjegati tal-Wasteserv. Qal li l-konvenuta V & C Contractors kienet tibgħat *excavator* bid-*driver* fuq is-sit skont il-ħtiġijiet tal-klijent, u l-istruzzjonijiet kienu jingħataw min-nies tal-Wasteserv. Ix-xhud spjega li bħala kumpannija huma qatt ma kienu jibagħtu persuni jissorveljaw ix-xogħol, minħabba li l-kuntratt kien għall-kiri tal-makkinarju, li kien jinkera bil-ġurnata. Qal iżda li l-kumpannija V & C Contractors tipprovdi lill-ħaddiema tagħha b'tagħmir protettiv, u anki kienu jsiru korsijiet għall-ħaddiema qabel dawn jibdew jaħdmu fuq xi proġett. Ix-xhud qal li l-attur ma kellu bżonn jilbes xejn għall-protezzjoni tiegħu għajr għal *safety shoes,* minħabba li dan ma kellux għalfejn jinżel mill-*excavator,* għalkemm qal ukoll li dan kien ġie pprovdut b'tagħmir ieħor bħal *safety glasses, safety helmet, high visibility vest, safety shoes, safety gloves* u *safety earphones,* u spjega li s-*safety shoes* ipprovdut lill-attur kien jasal sal-għaksa. Ix-xhud qal li kull meta l-attur kien jiltaqa' ma' xi problema, dan kien jiddiskutiha man-nies tal-Wasteserv u mhux ma' esponenti tal-kumpannija V & C Contractors Limited. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-attur m'għadux impjegat tas-soċjetà V & C Contractors, dan xorta waħda qiegħed jaħdem ma' kumpannija oħra fl-istess *landfill.* Ix-xhud kompla jgħid li r-rappreżentanti ta' V & C Contractors ma kellhomx għalfejn imorru l-*landfill* ħlief biex jagħmlu l-manutenzjoni u jagħtu l-fjuwil lill-inġenji, minħabba li l-kuntratt li kellhom mal-Wasteserv kien għall-kiri ta' makkinarju. Ix-xhud qal iżda li l-impjieg tal-attur kien mal-konvenuta V & C Contractors, u kien hu, bħala direttur tal-kumpannija li magħha kien impjegat l-attur, li mela l-formoli

rilevanti meta l-attur weġġa' fuq ix-xogħol. Qal ukoll li l-impjieg tal-attur mas-soċjetà V & C Contractors Limited ġie tterminat fit-28 ta' Frar, 2014, minħabba li l-kumpannija ma kellhiex aktar xogħol b'dak l-*excavator,* u minkejja li l-attur ġie offrut impjieg alternattiv mal-istess kumpannija konvenuta bħala xufier ta' trakk, dan irrifjutah.

Waqt l-istess udjenza xehed **David Saliba**, Kap tat-Taqsimiet Tekniċi fl-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol[13], li qal li l-Awtorità ma kinitx ġiet infurmata li kien seħħ dan l-inċident fuq post tax-xogħol.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Joe Chircop**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali[14], li qal li l-attur kien jirċievi ħlas ta' €21.60 kull ġurnata għal sitt ijiem fil-ġimgħa mingħand id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, għall-perijodu bejn is-7 ta' Marzu, 2013 u s-17 ta' Awwissu, 2013.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2015, xehed **Mr Jason Zammit,** *Consultant Orthopaedic Surgeon* fl-Isptar Mater Dei[15], li qal li l-attur iddaħħal fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar fit-2 ta' Marzu, 2013, wara li kienet waqgħet ġebla fil-kabina ta' *excavator* li kien qiegħed jopera l-attur, bil-konsegwenza li din ikkawżatlu *open fracture* tat-*tibia* u tal-*fibula* tas-sieq ix-xellugija. Ix-xhud qal li l-attur ġie operat dakinhar stess, fejn sarlu intervent fejn iddaħħal xi ħadid fis-sieq. Ix-xhud qal ukoll li anki wara li l-attur ġie rilaxxjat mill-isptar, dan kellu jagħmel għadd ta' visti fl-*outpatients* fejn baqa' jiġi segwit minn tobba mit-tim mediku mmexxi mix-xhud.

---

[13] *A fol.* 64 tal-proċess.
[14] *A fol.* 66 tal-proċess.
[15] *A fol.* 79A tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Norma Baldacchino**, mill-*Customer Care Department* tal-Isptar Mater Dei[16], li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.[17]

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016, deher **Joseph Saliba,** *Senior Executive* mal-ETC, li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attur.[18]

Fil-mori tal-kawża ġie nieqes il-konvenut Charles Zerafa, u għalhekk l-eredi tiegħu **Bridgitte Zerafa**, **Daniela Zerafa** u **Andriana Zerafa**, talbu permezz ta' rikors tat-13 ta' April, 2016, li l-Qorti tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuni tagħhom minflok il-mejjet Charles Zerafa.[19] Il-Qorti laqgħet din it-talba permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Mejju, 2016.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti, **Mr Joseph N. Borg**, ippreżenta r-rapport tiegħu permezz ta' nota tat-8 ta' Ġunju 2017.[20] Mr Borg wara li eżamina lill-attur fid-9 ta' Novembru, 2015, ikkonstata li fid-data meta eżamina lill-attur, dan kien għadu jbati minn uġigħ u minn restrizzjonijiet fil-movimenti tiegħu, u kkonkluda li minkejja l-interventi kirurġiċi li għamel u d-diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija li attenda għalihom, il-kundizzjoni ġenerali tal-attur ftit li xejn tista' titjieb. In vista ta' dan, l-espert mediku ġudizzjarju stabbilixxa li l-attur ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%).[21]

---

[16] *A fol.* 79D tal-proċess.
[17] *A fol.* 80 *et seq.* tal-proċess.
[18] *A fol.* 249 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 254 tal-proċess.
[20] Kopja tar-rapport mediku *a fol.* 283 tal-proċess.
[21] Il-parti konklussiva tar-rapport tgħid: *"[t]his man had a severe injury at work with a fracture of the left leg. It needed operative fixation which was carred out on the day of the accident. There were no intra or post operative complications. He had intensive physiotherapy and progressed well and returned to work in November 2015. His range of motion is restricted for most activities of daily living and his gait is affected permanently due to this accident. Given that it is unlikely taht the impairment will improve, in my opinion, he has a 5% permanent disability."*

Il-kontroeżami tal-attur **Michael George Gosney** sar waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018[22], fejn dan qal li minkejja li kien ilu impjegat mal-konvenuta V & C Contractors għal madwar ħames jew sitt snin, huwa kien ilu jaħdem fil-*landfill* tal-Magħtab għal madwar disa' snin. L-attur kompla jispjega li V & C Contractors Limited kriet l-*excavator* bid-*driver* lil Wasteserv Malta, li min-naħa tagħha ma kellhiex l-apparat jew il-ħaddiema meħtieġa biex tagħmel dak ix-xogħol bir-riżorsi tagħha. L-attur qal li hu kien jirrapporta għax-xogħol il-Wasteserv, u kien iqatta' l-ġurnata tax-xogħol kollha kemm hi fuq is-sit tal-Wasteserv, filwaqt li l-uniku kuntatt li kellu mal-konvenuta V & C Contractors kien għar-rigward tal-ħlas tas-salarju tiegħu. L-attur spjega li kien Charles Zerafa, uffiċjal tal-Wasteserv, li kien jagħtih l-istruzzjonijiet u jgħidlu x'għandu jagħmel u fejn għandu jmur, minn ħin għal ieħor matul il-ġurnata. L-attur qal ukoll li Charles Zerafa kien is-superjur tiegħu, u hu kien jagħmel dak li kien jitqabbad minnu. L-attur spjega d-diffikultajiet li kien ikollu fix-xogħol tiegħu minħabba l-attitudni ta' Charles Zerafa:

> *"At times, he couldn't explain what we needed to do but we had to do it on our own account. You couldn't say anything to him and question his authority. Otherwise, he would ring up the owner of the machine and have you put out or whatever …"*

L-attur kompla jgħid li hu kien iħoss li kellu jagħmel dak kollu li jitqabbad jagħmel minn Charles Zerafa. Spjega wkoll li qabel beda jaħdem mal-konvenuta V & C Contractors, kien jaħdem ma' Bonnici Brothers Limited, fl-istess sit, u kien jagħmel l-istess xogħol, iżda meta dawn tilfu l-kuntratt li kellhom mal-Wasteserv, huwa kien impjega ruħu ma' V & C Contractors. L-attur qal ukoll li anki fiż-żmien meta hu kien jaħdem ma' Bonnici Brothers, l-

[22] *A fol.* 290 tal-proċess.

ordnijiet kien jeħodhom mingħand l-istess Charles Zerafa. L-attur qal li kien hemm drabi fejn ħass li l-pożizzjoni li jkun intalab iqiegħed il-makkinarju fiha ma kinitx tkun waħda sigura, u kien jiġbed l-attenzjoni ta' Charles Zerafa dwar dan, li min-naħa tiegħu kien iwieġbu li x-xogħol kellu jsir. L-attur qal li hu kien iħossu sfurzat jagħmel ċertu xogħol wara li kien jiġbed l-attenzjoni li l-metodu li jkun ġie mitlub juża mill-istess Zerafa ma kienx ikun wieħed sigur. L-attur qal li l-metodi tax-xogħol kienu jiġu mfassla minn Zerafa mingħajr l-involviment tas-soċjetà V & C Contractors Limited jew ta' xi ħadd mill-esponenti tagħha. L-attur qal ukoll li kien hemm drabi meta hu kien iċempel lid-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors u jesprimi magħhom it-tħassib tiegħu kull darba li deherlu li xi biċċa xogħol li ntalab jagħmel ma kinitx qiegħda ssir b'mod li jassigura s-sigurtà tal-ħaddiema. Qal li dan kien jiġri qisu darba fix-xahar. Żied jgħid li hu ftit kien jingħata widen għat-tħassib li kien jesprimi. L-attur kompla jgħid li l-attitudni ta' Charles Zerafa u l-burdati li kien ikollu fuq il-post tax-xogħol kienu jwassluh biex imur ikellem lid-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors, iżda dawn min-naħa tagħhom kienu jgħidulu biex jagħmel dak li kien jiġi mqabbad minn Zerafa. L-attur qal li l-konvenut Zerafa kellu l-istess problema ta' attitudni ma' kull min kellu jaħdem miegħu. Spjega li l-biżgħa li kellu li seta' jispiċċa mingħajr impjieg, kienet ġejja mill-fatt li kien jaf li jekk jonqos li jagħmel dak li kien iqabbdu jagħmel Zerafa, l-*excavator* tiegħu ma kienx jibqa' jintuża u huwa kien ikollu jmur jaħdem xi mkien ieħor. L-attur żied jgħid li għad li kemm-il darba l-metodi li ġie mqabbad jaħdem bihom minn Zerafa ma kinux siguri, hu kien jadotta l-metodi tiegħu sabiex jassigura li jkun qiegħed jaħdem b'mod li jkun sigur kemm għalih kif ukoll għan-nies ta' madwaru. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li dejjem ikun hemm mod ieħor, aktar sigur, kif jistgħu jsiru l-affarijiet:

> *"You could always find a safer way to do something, which was … In a majority of the ways like it was safer to do it in a different way or a different approach and we would try to say this to Mr. Zerafa but he would probably say to do it or not do it at all."*

Il-kontroeżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018[23], fejn qal li hu ma kellux bżonn tagħmir protettiv għal saqajh, għajr għas-*safety boots,* is-*safety helmet* u s-*safety jacket.* Qal li dawn kollha kienu ġew ipprovduti lilu. Qal ukoll li meta fl-*affidavit* tiegħu qal li fuq is-sit ma kien hemm ħadd li tah l-ewwel għajnuna, hu kien qiegħed jirreferi għall-uffiċjali tal-Wasteserv li ma kellhomx it-taħriġ meħtieġ biex jagħtu l-ewwel għajnuna lil min seta' jeħtieġha.

Waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018 xehed **Vincent Borg**, direttur tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors[24], li kkonferma li l-attur kien impjegat mal-kumpannija tiegħu bħala *excavator operator.* Ix-xhud żied jgħid li qabel l-attur kien impjegat ma' Bonnici Brothers, iżda meta t-*tender* għax-xogħol fil-*landfill* intrebaħ minn V & C Contractors Limited, l-attur beda jaħdem magħhom fl-istess xogħol. Ix-xhud spjega li V & C Contractors Limited kellha *excavator* mikrija lil Wasteserv Malta għal perijodu ta' sentejn, liema kuntratt seta' jiġġedded. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien jirrapporta għax-xogħol fil-*landfill* tal-Magħtab, u kien iqatta' l-ġurnata tax-xogħol tiegħu hemmhekk. Ix-xhud kompla jispjega li l-istruzzjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jagħmel l-attur kien jagħtihomlu Charles Zerafa, li kien impjegat ta' Wasteserv Malta Limited. Ix-xhud qal li l-unika relazzjoni li kellu l-attur mas-soċjetà V & C Contractors Limited kienet li jirċievi l-paga darba kull ħmistax. Ix-xhud qal li mhux minnu li kien hemm drabi fejn l-attur kien iċempel lilu jew lil ħuh u jgħidilhom li kien

[23] *A fol.* 297A tal-proċess.
[24] *A fol.* 299 tal-proċess.

qiegħed jitqabbad jaħdem b'metodi li skont hu ma kinux siguri, u l-uniċi drabi li dan kien jagħmel kuntatt magħhom kienu meta dan kien ikollu xi ħsara fl-*excavator.* Ix-xhud qal li meta hu għadda l-*excavator* lill-attur sabiex ikun jista' jaħdem biha, din kienet ġdida fjamanta, iżda wara li l-attur telaq mill-impjieg li kellu ma' V & C Contractors, din kellha tiġi *refurbished* b'mod estensiv. Qal ukoll li quddiem il-*windscreen,* l-*excavator* kellha *guard* għall-protezzjoni ta' min ikun qiegħed iħaddimha, iżda din il-*guard* kienet inqalgħet mill-attur. Ix-xhud spjega li din il-*guard* kienet tgħatti l-kabina kollha kemm hi, u dawn il-*guards* jitpoġġew sabiex joffru protezzjoni f'dawk il-postijiet fejn ikun ser jitwaqqa' bini bl-*excavator* jew għal xogħol li jsir f'postijiet bħalma hi l-*landfill* tal-Magħtab. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident hu kien irċieva telefonata fejn ġie mgħarraf li l-attur kellu inċident, u hu kien mar l-isptar mill-ewwel sabiex jara l-attur kif inhu, u wara baqa' sejjer il-Magħtab, fejn sab li l-kabina tal-*excavator* kienet mifqugħa, u mal-art kien hemm kwantità ta' demm u xi ħġieġ. Qal ukoll li l-*guard* li kellha l-*excavator* baqgħet ma kinitx instabet, u l-*excavator* kienet tintuża biss mill-attur.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' April, 2018 xehed **Charles Borg**, direttur tal-konvenuta V & C Contractors[25], li esebixxa għadd ta' ritratti sabiex juri l-*excavator* li kien qiegħed jaħdem biha l-attur kif kienet.[26] Qal ukoll li meta nxtrat din l-*excavator,* ma kellhiex *guard* quddiem il-*windscreen,* u l-*guard* kienet tpoġġiet mill-konvenuta V & C Contractors biex isservi bħala *safety* kemm għax-xufier u biex tipproteġi l-ħġieġ tal-*excavator.* Ix-xhud qal li meta l-*excavator* iddaħħlet il-Magħtab, din kellha l-*guard* quddiem, iżda wara xi żmien l-attur beda jiddejjaq bil-*guard* u qabad u qalagħha xi tliet ġimgħat

[25] *A fol.* 309 tal-proċess.
[26] *A fol.* 319 tal-proċess.

qabel seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li hu kien induna dakinhar tal-inċident li kienet tneħħiet l-*guard*, għax l-attur ma kien qal lil ħadd b'dak li kien għamel. Ix-xhud qal ukoll li l-attur qatt ma lmenta miegħu dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-Magħtab, u minkejja li dan kien ġie offrut opportunitajiet ta' xogħol f'postijiet oħra, dan dejjem irrifjuta li jmur jaħdem bnadi oħra, u l-uniku post li ried jaħdem fih kien il-Magħtab. Qal ukoll li meta kien jintalab biex jirrapporta għax-xogħol bnadi oħra, l-attur lanqas biss kien imur. Ix-xhud spjega li Charles Zerafa kien *foreman* li kien jassenja x-xogħol lil kull *excavator* li jkun qiegħed jaħdem il-Magħtab. Qal li dakinhar tal-inċident hu kien mar fuq il-post, u sab li l-*excavator* kien imtella' ma' sies għoli ta' madwar erba' sulari, u l-iżball li għamel l-attur kien li minflok ma mbotta l-materjal bogħod minnu, hu beda jiġbdu lejn id-direzzjoni tal-*excavator,* bir-riżultat li meta waqgħet ġebla minn qalb il-materjal, din ġiet fuqu. Ix-xhud żied jispjega li bħala regola, il-materjal għandu jiġi mbuttat u mhux jinġibed lejn id-direzzjoni tal-*excavator.* Ix-xhud qal ukoll li meta tkellem ma' Charles Zerafa, dan kien qallu li hu ma tax struzzjonijiet lill-attur biex jitla' bl-*excavator* minn fejn tela', u dan kien talbu biex jibda jaħdem minn fuq u jimbotta l-materjal lil hinn minnu. Ix-xhud allega li l-attur ma mexiex mal-istruzzjonijiet li kien ġie mogħti minn Charles Zerafa u kien l-attur li neħħa l-*guard* minn mal-*windscreen.* Ix-xhud żied jgħid li kieku l-*guard* tħalliet fil-post, dan l-inċident ma kienx iseħħ, għax il-*guard* kienet maħsuba proprju sabiex tipproteġi lil min ikun fl-*excavator* u sabiex tilqa' għall-ħsarat. Charles Borg qal li minkejja li l-attur kien ġie infurmat li l-*guard* tpoġġiet prinċipalment għas-sigurtà tiegħu, hu qabad u qalagħha mingħajr ma informa lil ħadd.

Waqt l-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2018, xehdet **Bronia Farrugia**, *Senior HR Manager* il-Wasteserv[27], li qalet li Charles Zerafa kien impjegat mal-Gvern, li kien ġie ssekondat ma' Wasteserv Malta Limited b'effett mit-3 ta' Frar, 2003. Ix-xhud esebiet kopja tal-kuntratt ta' impjieg li Charles Zerafa kien iffirma ma' Wasteserv Malta Limited, flimkien ma' dokumenti oħra b'rabta ma' promozzjonijiet li dan kien ħa tul iż-żmien li dam impjegat ma' Wasteserv Malta Limited.[28]

Permezz ta' nota tat-22 ta' Ottubru 2018, il-konvenuti Bridgette Zerafa, Daniela Zerafa u Andriana Zerafa ppreżentaw kopja tat-*tender document* fir-rigward tax-xogħol li din is-soċjetà ngħatat minn Wasteserv Malta Limited.[29]

Il-kontroeżami tax-xhud **Vincent Borg** mill-attur sar waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019[30], fejn qal li hu ġieli kien imur fil-*landfill* tal-Magħtab, minkejja li ma kellux għalfejn imur għax hu min-naħa tiegħu kien jikri l-makkinarju lill-konvenuta Wasteserv Malta Limited. Qal li l-*excavator* li kien qiegħed jaħdem bih l-attur fil-ħin tal-inċident kien għadu ġdid fjamant, kien ilu jintuża madwar sena u nofs, u kien jiġi sservisjat b'mod regolari. Ix-xhud qal ukoll li l-*guard* li kien mgħammar bih dan l-*excavator,* kien ġie installat wara li nxtara l-*excavator*, bħala miżura ta' protezzjoni addizzjonali, u dan kien ġie ċċertifikat ukoll minn inġinier. Ix-xhud qal li kull tagħmir li jintuża mis-soċjetà V & C Contractors Limited b'rabta ma' xogħol ta' skavar, ikun mgħammar b'dawn il-*guards,* u hu sar jaf li l-attur kien qala' l-*guard* dakinhar tal-inċident. Kompla jgħid li dan il-*guard* ma setax ikun li kien ilu ħafna li nqala' għax kieku l-mekkanik li sservisja l-*excavator* kien jinfurmah li l-*guard* kien inqala'. Qal ukoll

[27] *A fol.* 328 tal-proċess.
[28] *A fol.* 332 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 375 *et seq.* tal-proċess.
[30] *A fol.* 435 tal-proċess.

li l-aħħar li mar fil-*landfill,* kif kien imur darba kull ħmistax, il-*guard* kienet għadha f'postha. Żied jgħid li kieku hu ġie infurmat li xi ħadd kien qala' l-*guard,* ma kienx jippermetti dan. Ix-xhud qal li meta hu mar fil-*landfill* dakinhar stess li seħħ l-inċident, kien ra l-kabina tal-*excavator* "mitħuna" u kien ra wkoll li l-*guard* ma kinitx għadha mwaħħla fejn suppost kienet. Ix-xhud żied jgħid li wara kien sar jaf li din il-*guard* kienet instabet fl-art maġenb l-uffiċċju tal-Wasteserv, fejn jiġu pparkjat il-makkinarju filgħaxija. Ix-xhud qal ukoll li min-naħa tiegħu hu żgur li qatt ma kien awtorizza lill-attur ineħħi l-*guard* ta' quddiem il-kabina, u bħala kumpannija l-makkinarju jżommuh *up to date* u bis-*service*.

Il-kontroeżami ta' **Charles Borg** mill-attur sar waqt l-udjenza tal-15 ta' April, 2019[31], fejn qal li minkejja li huwa kien direttur tas-soċjetà V & C Contractors Limited, huwa kien jaf lill-attur, u ġieli tkellem miegħu meta kien iżur il-lantijiet tax-xogħol, anki sabiex jagħtih id-*diesel* għall-makkinarju. Qal li hu kien imur fuq is-siti tax-xogħol darba kull ħmistax biex jagħti d-*diesel,* iż-żejt u jiċċekkja l-livelli tal-ilma tal-makkinarju. Ix-xhud qal li s-*service* tal-*excavator* inkwistjoni kien isir darba kull sitt xhur, u meta nxtara l-*excavator* dan kien mgħammar bil-*guard* b'kollox. Żied jgħid li hu ma kienx jaf li l-attur kien qala' l-*guard,* u kieku kien jaf qabel, ma kienx iħallih jaħdem mingħajrha minħabba li seta' jweġġa' u jikkawża ħsara lill-apparat f'każ li taqa' xi ħaġa mill-għoli. Ix-xhud qal li biex tinqala' l-*guard* ma kienx hemm il-bżonn ta' xi għodda speċjali. Ix-xhud qal li wara l-inċident huwa kien ġie infurmat minn Charles Zerafa li l-attur kien ilu ftit ġranet biss li qalagħha. Żied jgħid ukoll li kull darba li kien imur fuq is-sit, il-*guard* dejjem raha mwaħħla, u l-aħħar darba li mar biex jagħti d-*diesel,* hu kien raha mwaħħla f'postha.

[31] *A fol.* 445 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawża ta' din ix-xorta, l-ewwel talba li għandha tiġi indirizzata mill-Qorti hija dik dwar ir-responsabbilità għall-inċident, u dan f'kuntest fejn il-konvenuti f'din il-kawża huma tlieta, li lkoll kemm huma qegħdin jeċċepixxu li m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-akkadut u għad-danni sofferti mill-attur. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżultaw diversi kontradizzjonijiet fix-xhieda mogħtija minn esponenti tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, Vincent u Charles Borg, li ma qablux bejniethom dwar punti importanti ta' fatt li ċertament jinċidu fuq il-mertu ta' din il-kawża. Barra minn hekk fix-xhieda ta' Vincent u Charles Borg jissemmew dettalji importanti li lanqas biss sar riferiment għalihom fl-eċċezzjonijiet mogħtija mis-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited. Tant hu hekk, għad illi fix-xhieda tagħhom id-diretturi tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited Vincent u Charles Borg jinvokaw il-kontributorjetà tal-attur għall-inċident mertu tal-kawża, bit-tneħħija tal-guard ta' quddiem il-*windscreen* tal-*excavator*, bħala waħda mil-linji difensjonali tagħhom, fir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited għal xi raġuni ma ngħatat ebda eċċezzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti għalhekk sejra l-ewwel tanalizza l-provi miġjuba quddiemha sabiex tiddetermina jekk huwiex il-każ li xi ħadd mill-konvenuti għandu jwieġeb għat-talbiet tal-attur, jew inkella huwiex il-każ li dawn għandhom iwieġbu għall-akkadut b'mod solidali.

L-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta V & C Contractors bħala *heavy plant operator,* għalkemm ta' kuljum dan kien jirrapporta għax-xogħol fis-sit tal-*landfill* tal-Magħtab, liema sit huwa operat mill-konvenuta Wasteserv Malta Limited, u fejn l-istruzzjonijiet kienu jingħataw u s-superviżjoni tax-

xogħol kienet issir mill-ħaddiema tal-Wasteserv. L-attur isemmi uffiċjal partikolari ta' Wasteserv, il-konvenut Charles Zerafa, li kien jagħmel superviżjoni tal-ħaddiema, u li kien ukoll il-persuna li kien jagħti l-istruzzjonijiet lill-attur dwar il-metodu ta' kif kellu jsir ix-xogħol.

L-attur fix-xhieda tiegħu qal li hu ma tantx kellu relazzjoni faċli mal-konvenut Charles Zerafa, għax, skont l-attur, dan ma tantx kien jaċċetta l-kritika, u kien jinterpeta istanzi fejn il-ħaddiema kienu juru nuqqas ta' qbil mal-metodi indikati minnu bħala insubordinazzjoni. L-attur qal ukoll li kienu diversi l-istanzi fejn kien ilmenta dwar l-attitudni tal-konvenut Zerafa mal-*employers* tiegħu, li min-naħa tagħhom kienu jgħidulu biex joqgħod mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Zerafa. L-attur jgħid li l-esponenti ta' V & C Contractors Limited kienu jagħmlu dan sabiex iħarsu r-relazzjoni li kellhom mal-konvenuta Wasteserv u sabiex ma jitilfux it-*tender* mogħti lilhom. Fost il-kwistjonijiet ewlenin li l-attur kien ikollu ma' Charles Zerafa, kien hemm dik dwar minn fejn kellu jsir ix-xogħol ta' skavar. L-attur ma kienx jaqbel mal-metodu indikat minn Zerafa li l-iskavar isir mill-parti t'isfel ta' munzell jew minn nofsu, għax b'dan il-mod huwa ma kienx ikun jista' jara l-parti ta' fuq tal-munzell. L-attur spjega li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-konvenut Zerafa talbu jiskava munzell skart li kien għoli sew u li kien stivat f'forma ta' torri wieqaf, minn għoli li ma kienx jippermetti lill-attur jara x'kien hemm fil-parti ta' fuq nett ta' dan il-munzell skart li kien qiegħed jiġi skavat. L-attur qal li dakinhar li seħħ l-inċident, hu ntalab ipoġġi l-*excavator* f'pożizzjoni tali li dan il-munzell skart ma baqax stabbli, bir-riżultat li waqa' kantun fuq il-*windscreen* tal-kabina tal-*excavator,* kissirha, u baqa' dieħel u ġie fuq saqajn l-attur u kkawżalu ġrieħi serji.

Peress li ġie nieqes fil-mori tal-kawża, il-Qorti ma kellhiex l-opportunità tisma' x-xhieda ta' Charles Zerafa, li kien preżenti fil-ħin meta seħħ l-inċident, sabiex tisma' x'kellu xi jgħid dwar id-dinamika tal-imsemmi inċident. Madanakollu l-Qorti għal ħin estensiv semgħet ix-xhieda ta' Vince Borg u ta' Charles Borg, diretturi tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, li kienet l-*employer* tal-attur, li fix-xhieda tagħhom qalu li l-*excavator* li kien qiegħed jaħdem bih l-attur kien mgħammar b'*guard* protettiva quddiem il-*windscreen,* liema *guard* inqalgħet mill-attur xi jiem qabel seħħ l-inċident ad insaputa tagħhom. Huma spjegaw li kieku din il-*guard* tħalliet f'postha, l-inċident inkwistjoni ma kienx ikollu r-riperkussjonijiet li kellu, għaliex il-kantun kien jiġi fuq il-*guard* u mhux fuq il-*windscreen,* u għalhekk la kien iweġġa' l-attur u lanqas ma kienet tiġri l-ħsara fl-*excavator*.

Il-Qorti tirrileva li l-ewwel darba li f'dawn il-proċeduri li semma li l-attur kien neħħa l-*guard* protettiv ta' quddiem il-*windscreen* tal-excavator, ma kienx fir-Risposta Maħlufa ippreżentata mis-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited fit-3 ta' Marzu, 2015 jew waqt id-depożizzjoni ta' Vincent Borg tat-28 ta' April, 2015, imma tliet snin wara, waqt id-depożizzjoni ta' Vincent Borg li ta fis-26 ta' Marzu, 2018, u ċjoè meta l-attur kien għalaq bil-provi tiegħu u kien diġà sar il-kontroeżami tiegħu u qajla seta' jiddefendi ruħu quddiem din l-allegazzjoni li saret minn Vincent Borg u Charles Borg.

Fix-xhieda tiegħu Vincent Borg qal li l-*excavator* inkwistjoni kien mgħammar b'dan il-*guard.* Ix-xhud Vincent Borg qal li dan il-*guard* kien maħsub biex joffri protezzjoni addizzjonali meta jitwaħħal quddiem il-*windscreen,* u li kieku din il-*guard* tħalliet f'postha, la kien jinkiser il-*windscreen* tal-*excavator* u lanqas ma kien iweġġa' l-attur. Min-naħa tiegħu ix-xhud Charles Borg esebixxa

sensiela ta' ritratti sabiex juri kif kien l-*excavator* inkwistjoni mgħammar bil-*guard.* Iżda Vincent Borg u Charles Borg ma qablux bejniethom dwar dettall importanti jekk il-*guard* kienx ġie installat mill-fabbrika, jew inkella jekk dan kienx *feature* addizzjonali li twaħħal mal-*excavator* minn V & C Contractors Limited wara li kien ġie mixtri, b'Vincent Borg jixhed li l-*guard* twaħħal minnhom wara li nxtara l-*excavator,* u b'Charles Borg jgħid fil-kontroeżami li sarlu, li l-*excavator* inxtara bil-*guard* imwaħħal miegħu u nħareġ hekk mill-fabbrika. Dawn ix-xhieda it-tnejn allegaw li l-*guard* inkwistjoni tneħħa mill-attur, li kien tefgħu barra l-uffiċini tal-Wasteserv xi jiem qabel seħħ l-inċident inkwistjoni. Barra minn hekk, ix-xhud Vincent Borg għall-ewwel qal li l-*guard* ma kienx instab wara li kien tneħħa mill-attur[32], imma sussegwentement qal li l-*guard* kien instab maġenb l-uffiċċju tal-Wasteserv fejn jiġu pparkjati l-inġenji bilejl.[33]

Il-Qorti tqis illi fuq punt ta' fatt daqstant kruċjali, ma kellux ikun hemm inkonsistenzi sostanzjali fix-xhieda mogħtija mid-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors Limited. In vista tal-insistenza tad-diretturi ta' V & C Contractors Limited li l-*guard* inkwistjoni kien imwaħħal quddiem il-*windscreen* tal-*excavator* sa ftit tal-jiem qabel seħħ l-inċident, u dan il-*guard* kien inqala' mill-attur proprju ftit jiem qabel seħħ l-inċident, is-soċjetà konvenuta V & C Contractors kellha almenu ġġib prova oġġettiva in sostenn ta' dak li qiegħda tallega li ftit ġranet qabel l-inċident inkwistjoni, l-*excavator* misjuq mill-attur tabilħaqq kellu installat fuqu *guard* protettiv mal-*windscreen* tiegħu u li kien l-attur li qalgħu minn postu b'mod li kkontribwixxa mhux ftit għall-akkadut u għad-danni sofferti minnu stess. Ix-xhud Vincent Borg fix-xhieda mogħtija

[32] *A fol.* 305 tal-proċess.
[33] *A fol.* 439 tal-proċess.

minnu qal li meta l-*excavator* tas-soċjetà V & C Contractors Limited ġie mgħammar b'dan il-*guard,* dan kien ġie ċċertifikati minn inġinier, u għalhekk quddiem stqarrija bħal din, il-Qorti tirritjeni li kellha tinġieb prova dokumentarja mis-*supplier* jew kopja taċ-ċertifikazzjoni tal-inġinier sabiex jiġi kkonfermat dan il-*guard* meta twaħħal jekk twaħħal. Prova oġġettiva li setgħet saret imma ma saritx mis-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited, kienet permezz tax-xhieda ta' uffiċjali jew impjegati ta' Wasteserv sabiex jiġi kkonfermat li l-attur tabilħaqq kien ne*hh*a l-*guard* minn quddiem il-*windscreen* tal-*excavator* u ħallieha fejn l-uffiċċju ta' Wasteserv fil-*landfill* tal-Magħtab.

Il-Qorti tirritjeni li kien kruċjali li tinġieb prova bħal din għall-konsiderazzjonijiet li kellha tagħmel il-Qorti fir-rigward tar-responsabbilitajiet li jridu jinġarru mill-konvenuti jew min minnhom, jew jekk huwiex il-każ li l-attur ukoll għandu xi jwieġeb għall-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud Charles Borg, li esebixxa ritratti dwar kif kien jidher l-*excavator* bil-*guard* imwaħħal quddiemu, ukoll naqas milli jipprova li sa qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, l-*excavator* li kien qiegħed jaħdem bih l-attur kellu *guard* ta' dan it-tip imwaħħal quddiem il-*windscreen*, u minkejja li fix-xhieda tiegħu sostna li r-ritratti esebiti huma tal-istess makkinarju li kien qiegħed jintuża mill-attur fil-ħin tal-inċident, jirriżulta b'mod ċar li r-ritratt inkwistjoni ma ttiħidx fil-*landfill* tal-Magħtab iżda f'sit tal-kostruzzjoni, u għalhekk il-Qorti fehmet li dan ir-ritratt ittieħed wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, f'perjodu ta' żmien meta l-konvenuta V & C Contractors ma kinitx għadha marbuta bil-kuntratt li kellha ma' Wasteserv. Dan qiegħed jingħad in vista tal-fatt li d-diretturi ta' V & C Contractors Limited, Vincent Borg u Charles Borg, it-tnejn xehdu li l-*excavator* inkwistjoni meta nxtara mill-ewwel ittieħed fil-*landfill* tal-Magħtab.

Id-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors lanqas qablu bejniethom dwar il-frekwenza li biha kienu jmorru fil-*landfill* tal-Magħtab, bix-xhud Vincent Borg jgħid li kien imur darba kull ħmistax sabiex jiċċekkja l-makkinarju u jagħti l-*fuel* lill-inġenji, u b'Charles Borg jgħid li Vincent Borg qajla kien jersaq lejn is-sit, u li kien hu li kien imur fuq il-lant tax-xogħol biex jiċċekkja l-inġenji. Mill-provi jirriżulta ċar li l-uniku interess tad-diretturi ta' V & C Contractors Limited kien fir-rigward biss tal-manutenzjoni tal-inġenji tagħhom, u ma kinux jidħlu fl-operat tal-ħaddiema tagħhom li kienu jaħdmu bl-inġenji pprovduti mill-kumpannija tagħhom. F'dan ir-rigward l-attur xehed li meta lmenta mad-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors minħabba fl-attitudni ta' Charles Zerafa meta intalab jagħmel xogħol b'metodi li huwa ħass li kellu joġġezzjona għalihom, it-tweġiba li kien jingħata mill-esponenti ta' V & C Contractors Limited kienet tkun li huwa kellu joqgħod mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Wasteserv. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attur kien ingħata tagħmir protettiv mill-*employer* tiegħu, dan it-tagħmir ma kienx adegwat biżżejjed biex jipproteġih minn inċidenti ta' din ix-xorta. Il-Qorti tirritjeni li l-uniku mod kif l-inċident mertu tal-kawża seta' jiġi evitat, kien proprju bit-twaħħil ta' *guard* ta' protezzjoni quddiem il-*windscreen* tal-*excavator*, xi ħaġa li fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà konvenuta pprovdiet għaliha wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, u mhux qabel. Tqis għalhekk li s-soċjetà V & C Contractors Limited naqset milli tipprovdi t-tagħmir kollu meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema tagħha. Jirriżulta ukoll li l-konvenuta V & C Contractors naqset milli tagħmel *assessment* tar-riskji involuti f'post tax-xogħol bħal dak inkwistjoni. L-obbligi tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors wara li din rebħet it-*tender* inkwistjoni, bħala prinċipal tal-attur ċertament kienu jestendu lil hinn milli tipprovdi lill-ħaddiem bil-makkinarju li jaħdem bih u li tħallsu l-paga għax-

xogħol tiegħu, imma kellha ukoll tiżgura li l-ħaddiem jaħdem f'*a safe place of work* u kif ukoll li tiġi adoperata *a safe system of work,* ikun min ikun fuq il-lant tax-xogħol li jagħti l-istruzzjonijiet dwar il-metodi tax-xogħol minn ġurnata għal ġurnata. Għajr għal dak li dak li xehdu b'mod inkonsistenti għall-aħħar id-diretturi tas-soċjetà konvenuta V & C Contractors, il-Qorti tqis li ma tressqet l-ebda prova oġġettiva li tikkorrabora dak li ntqal mill-aħwa Borg li l-*guards* inkwistjoni kienu tqiegħdu quddiem il-*windscreen* tal-*excavator* qabel l-inċident. Il-Qorti tqis li huwa aktar probabbli u verosimili li dawn il-*guards* bdew jitwaħħlu mal-*excavators* tas-soċjetà V & C Contractors Limited wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, imma lanqas dwar dan ma nġabet prova. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited għandha tinżamm responsabbli għall-inċident fejn wieħed mill-ħaddiema tagħha safa mweġġa' b'mod li baqa' jsofri minn debilità permanenti. Id-deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[34], proprju indirizzat dawn l-obbligi partikolari ta' min iħaddem, meta qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżerċizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

[34] Q.A., 24.11.2017.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li jirriżulta li s-soċjetà konvenuta V & C Contractors Limited ipprovdiet lill-ħaddiema tagħha bl-ilbies protettiv kif ukoll ħeġġithom jattendu għal korsijiet ta' taħriġ dwar kif għandhom iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-lantijiet tax-xogħol fejn ikunu qegħdin jaħdmu, madanakollu f'dan il-każ jirriżulta li ma saritx analiżi tar-riskji kollha involuti, u ma ngħatax it-tagħmir protettiv kollu li l-ħaddiema kellhom jingħataw skont ir-riskji fix-xogħol tagħhom. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[35], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem intqal:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" - **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

[35] Q.A., 03.12.2010.

Min-naħa tagħha l-konvenuta Wasteserv Malta Limited ukoll sostniet li hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni, għax skont hi pprovdiet sorveljanza adegwata f'dan il-post tax-xogħol, u ma naqsitx milli tiżgura li jkun hemm sistema ta' xogħol sigura jew ambjent tax-xogħol sigur skont il-liġi. Wasteserv Malta Limited kienet il-kumpannija li ħarġet sejħa għall-offerti għall-kiri ta' makkinarju bix-xufier miegħu, liema makkinarju kien maħsub biex bih isir xogħol ta' skavar. Din is-sejħa għall-offerti ntrebħet mill-konvenuta V & C Contractors Limited, li għall-perijodu tal-kuntratt kienet timpjega lill-attur sabiex jopera l-*excavator* inkwistjoni fil-*landfill* tal-Magħtab. Ċertament li l-konvenuta Wasteserv, li taħt id-direzzjoni ta' uffiċjali tagħha kienu jsiru ħafna mix-xogħlijiet meħtieġa fis-sit, ma tistax teżonera lilha nnifisha mir-responsabbilità għal dak li seħħ, għax mill-provi jirriżulta li din l-entità ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa biex tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jkunu qegħdin jaħdmu fis-siti tagħha. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif quddiem l-ilmenti ta' ħaddiem li jħoss li l-metodi ta' xogħol li qiegħed jintalab iħaddem mhumiex siguri, entità bħall-konvenuta Wasteserv tibqa' siekta u tibqa' tippermetti li l-ħaddiem li jiġbed l-attenzjoni għal dawn in-nuqqasijiet, jiġi penalizzat jew jintalab jieqaf mix-xogħol tiegħu għal xi ħin. F'dan ir-rigward tqis illi kuntrarjament għal dak li ġie eċċepit mill-konvenuta Wasteserv fir-Risposta Maħlufa tagħha, is-sorveljanza li kienet issir f'dan il-post tax-xogħol partikolari kienet waħda fqira, għax minflok tiggwida lill-ħaddiema dwar kif l-aħjar kellhom jaħdmu sabiex jassiguraw li x-xogħol isir bl-inqas periklu possibbli, il-metodu ta' kif attwalment kien isir ix-xogħol fuq is-sit, kien jikkomprometti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u kien wieħed perikoluż. F'dan ir-rigward il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda tal-attur fejn qal li l-metodu ppreferut minn Charles Zerafa dwar kif kellu jsir ix-xogħol ta'

skavar fuq is-sit kien billi l-*excavator* jibda jħott minn nofs il-munzell tal-iskart jew mill-parti t'isfel tiegħu, jew billi l-*excavator* jiġi ppożizzjonat b'mod li min ikun qed isuqu ma jkunx jista' jara x'hemm fil-parti ta' fuq tal-munzell u ma jkunx jista' jevita l-periklu f'każ li taqa' xi ħaġa mill-għoli fuq l-*excavator,* kif fil-fatt ġara meta seħħ l-inċident inkwistjoni. Kien biss wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, li l-esponenti tas-soċjetà V & C Contractors meta xehdu f'din il-kawża, bdew isostnu li l-attur ma kienx qiegħed jaħdem tajjeb meta minflok beda jaħdem biex ibiegħed l-iskart li kien qiegħed iħott minn fejn kien qiegħed hu, beda jiġbdu lejh. Imma fid-dawl ta' dak li xehdu l-esponenti tal-konvenuta V & C Contractors dwar kemm Charles Zerafa kien rett f'xogħlu, u kemm dan kien ikun pront iwaqqaf milli jkompli jaħdem ħaddiem li jkun naqas milli josserva l-metodi ta' xogħol indikati lilu mill-istess Charles Zerafa, il-Qorti tqis illi huwa inverosimili dak li ntqal mid-diretturi tal-konvenuta V & C Contractors, li l-attur kien jaħdem kif fettillu u li dan kien jazzarda jinjora l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Charles Zerafa. Il-Qorti tqis li l-inċident inkwistjoni seħħ għax l-attur tħalla jaħdem f'post tax-xogħol li ma kienx sigur u fejn ma kinitx qed tiġi adoperata sistema sigura ta' xogħol. Għal dawn in-nuqqasijiet il-Qorti tirritjeni li għandhom jinżammu responsabbli t-tliet konvenuti b'mod solidali bejniethom.

*Danni:*

Jifdal għalhekk li din il-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li huwa jista' jkollu minħabba d-debilità permanenti sofferta minnu.

*Damnum Emergens:*

L-attur ippreżenta għadd ta' irċevuti bħala prova ta' spejjeż li kellu jagħmel b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, li jammontaw għal tmin mija u disgħa u ħamsin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€859.74).[36]

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[37], intqal:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[38], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-

[36] €250 *a fol.* 7 - Mr. Thomas Azzopardi); €245 *a fol.* 8 - Saint James Hospital; €8.30 + €14.66 + €2.38 + €23.65 + €16.80 *a fol.* 9 - spiżeriji varji; €13.69 + €2.31 a fol. 10 - Tarxien Dispensary; €9.6 + €35.27 + €4.73 + €27.35 + €1.08 - spiżeriji varji; €24.41 + €6.38 + €8.82 + €14.51 + €9.20 *a fol.* 12 - spiżeriji varji; kif ukoll spejjeż legal *a fol.* 13 u 14, ammontanti għal €47.20 u €94.40 rispettivament.
[37] P.A., 18.02.2013.
[38] P.A., 27.04.2005.

dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-Qorti tirrileva li fis-sena ta' qabel seħħ l-inċident, l-attur kellu dħul gross ta' €14,966 li minnhom iridu jitnaqqsu t-taxxa (€1,107) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (€940.75), sabiex b'hekk jirriżulta li d-dħul nett tal-attur kien ta' €13,008.25.

Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[39], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem fis-somma ta' €13,008.25 + €14.257.04 / 2 = €13,632.65. Huwa dan id-dħul bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' erbgħa u ħamsin (54) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 10, tenut kont li persuna fl-età tal-attur hu mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[40], il-Qorti qalet:

"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma

[39] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*
[40] P.A., 10.05.2005.

jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.

...

Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti **Mr Joseph N. Borg** li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 5%, u dwar din ir-rata ta' debilità permanenti hemm qbil anki mal-espert mediku *ex parte* **Mr Thomas Azzopardi**.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2015, u minkejja li l-proċeduri ilhom għaddejjin aktar minn erba' snin issa, dan id-dewmien ma jistax jiġi attribwit għal xi nuqqas ta' xi parti jew oħra, u l-Qorti kkonsidrat li wieħed mill-fatturi li kkontribwew għal

dan id-dewmien, kien il-fatt li wieħed mill-partijiet ġie nieqes fil-mori tal-kawża u għalhekk kellha ssir il-leġittimazzjoni tal-atti.

Is-salarju medju ta' €13.632.65 x *multiplier* ta' 10 x 5% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €6,816.32 li meta tiġi ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għaċ-ċifra ta' ħamest elef, erba' mija u tlieta u ħamsin Euro u sitt ċenteżmi (€5,453.06). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li jrid jitħallas mill-konvenuti *in solidum* bejniethom lill-attur, sabiex b'hekk it-total f'danni li għandhom jitħallsu mill-konvenuti lill-attur huwa ta' sitt elef, tliet mija u tnax-il Euro u tmenin ċenteżmu (€6,312.80).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-kawża;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti b'mod *in solidum* bejniethom kienu unikament responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ fit-2 ta' Marzu, 2013 fil-*landfill site* tal-Magħtab għall-ħabta tal-10.30 a.m. peress illi huma naqsu milli jipprovdu *a safe system of work* u/jew *a safe work environment* skont ma kienu obbligati illi jagħmlu *ai termini* tal-Liġi;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in vista tad-diżabilità ta' natura permanenti illi huwa sofra bħala riżultat tal-inċident mertu tal-kawża fl-ammont ta' sitt elef, tliet mija u tnax-il Euro u tmenin ċenteżmu (€6,312.80);**

4. **Tikkundanna lill-konvenuti b'mod in solidum bejniethom iħallsu lill-attur id-danni minnha hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.